## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **1148/2021 AD**

**ANTHONY SIVE TONY BILECI (KI 222602L) U**
**LORENZA SIVE LORRAINE BILECI (KI 316064M)**

**VS**

**EMANUEL SIVE NOEL BILECI (KI 115163M) U**
**JOSEPHINE BILECI (KI 512255M)**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, tnax (12) ta' Jannar 2024**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar talba tar-rikorrenti għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni allegatament sofferti mir-rikorrenti per kawża t'aġir tal-intimati.

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru 2021, **<u>Anthony sive Tony Bileci et</u>** ippremettew:

   a. *Permezz ta' dan ir-rikors ġuramentat, l-atturi qiegħdin jitolbu danni mingħand il-konvenuti, sofferti mill-atturi b'konsegwenza tal-agir u tal-imgieba tal-konvenuti, inkluz l-abbuz ta' proceduri legali da parti taghhom u dan kontra l-ordnijiet cari tal-Qorti fil-konfront taghhom a skapitu u bi pregudizzju kbir tal-atturi;*

   b. *Fil-25 ta' Mejju 2021 l-atturi ffirmaw konvenju li bih huma accettaw u wieghdu li jixtru u jakkwistaw proprjeta', ossija porzjoni ta' art gewwa l-Mosta, hekk kif ahjar deskritta fl-istess konvenju (kopja annessa **Dok. A**) ghall-prezz miftiehem ta' seba' mija u hamsa u disghin elf ewro (€795,000), li minnu l-atturi hallsu s-somma ta' disgha u sebghin elf u hames mitt ewro (€79,500) bhala depositu akkont tal-prezz u liema somma giet depositata man-Nutar Dottor Robert John Muscat sal-att finali tal-bejgh, bil-bilanc jithallas mill-atturi bhala xerrejja mal-kuntratt finali;*

   c. *Billi l-atturi dahlu f'dan il-konvenju sabiex jizviluppaw l-istess proprjeta' ai fini ta' investiment, wara l-iffirmar tal-konvenju huma pprocedew bl-applikazzjoni necessarja mal-Awtorita' tal-Ippjanar u bil-pagamenti relattivi ghall-istess applikazzjoni (kopji annessa bhala dokument wiehed **Dok. B**), anke ghaliex il-konvenju huwa kundizzjonat ghall-hrug tal-permessi relattivi;*

   d. *Jirrizulta li minhabba l-imgieba tal-konvenuti kif ser jigi spjegat aktar 'il quddiem f'dan ir-rikors mahluf, l-atturi ma jistghux jonoraw il-konvenju msemmi, bil-konsegwenza tat-telf ta' investiment li ghamlu u kif ukoll ta' dhul u profitti relattivi, apparti spejjez li ghamlu, u dan kif ser jirrizulta ahjar u f'aktar dettall waqt is-smiegh tal-kawza, oltre' ghal ammonti ohra ta' danni li jistghu jigu sofferti mir-rikorrenti minhabba l-istess agir;*

e. *L-agir u l-imgieba da parti tal-konvenuti li l-atturi qed jilmentaw minnu u li b'konsegwenza tieghu huma qed isofru dannu u pregudizzju kbir, essenzjalment – izda mhux biss – jikkonsisti f'abbuz ta' proceduri legali intavolati mill-istess konvenuti kontra l-atturi. Fil-fatt tali abbuz ta' proceduri legali huwa l-kulminu u l-iktar manifestazzjoni sfaccata tal-agir u tal-imgieba taghhom fuq medda ta' snin, intiz biss sabiex jippregudika lill-atturi u sabiex il-konvenuti jiehdu vantagg mill-atturi, kif ser jigi hawn spjegat u kif ser jigi amplifikat f'aktar dettall waqt is-smiegh tal-kawza –*

   i. *permezz ta' sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża fl-4 ta' Marzu 2015 fl-ismijiet 'Anthony sive Tony Bileci u martu Lorenza Bileci konjugi Bileci vs Emanuel sive Noel Bileci u martu Josephine Bileci konjugi Bileci' li ġġib in-numru ta' referenza 338/2014, l-intimati Emanuel sive Noel Bileci u martu Josephine Bileci, ġew ordnati sabiex, in forza ta' konvenju datat 1 ta' Novembru 2013 preċedentement iffirmat bejn il-partijiet, jersqu u jaddivjenu għall-pubblikazzjoni tal-att notarili ta' bejgħ u transferiment favur l-atturi tal-proprjeta' u drittijiet immobiljari kollha elenkati fl-imsemmi konvenju. Il-Qorti innominat lin-nutar Dottor Ian Spiteri sabiex jippubblika l-istess kuntratt ta' bejgħ u trasferiment, iffisat l-20 t'April 2015 fl-10 ta' filgħodu fil-bini tal-Qorti sabiex jiġi ppubblikat il-kuntratt u ħatret lill-Avukat Josette Grech bħala kuratur għall-eventwali kontumaċja fuq il-kuntratt (kopja tas-sentenza annessa* ***Dok. C****);*

   ii. *l-intimati appellaw din id-deċiżjoni u permezz ta' deċiżjoni finali tal-Onorabbli Qorti tal-Appell (Superjuri) deċiża fit-13 ta' Lulju 2020, l-appell tal-intimati ġie miċħud fl-intier tiegħu u s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili ġiet ikkonfermata, bl-ispejjeż kollha kontra l-istess intimati. L-Onorabbli Qorti tal-Appell ordnat ukoll li l-kuntratt għandu jiġi ippubblikat fl-14 t'Ottubru, 2020, fil-11 a.m, fil-bini tal-qorti,* <u>bil-kundizzjonijiet li jissemmew fil-konvenju</u>. *L-intimati ġew ordnati wkoll iħallsu l-ispejjeż ġudizzjarji lill-appellati għal darbtejn peress li l-Qorti*

*tal-Appell qieset li l-appell kien fieragħ (kopja tas-sentenza tal-appell annessa* **Dok. D***);*

*iii.* *<u>ghalhekk, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell hija res judicata, bil-mertu taghha ezawrit, minkejja t-tentattivi fiergha kollha tal-konvenuti sabiex akkost ta' kollox jergghu jifthu l-mertu taghha semplicement ghaliex ma jridux jaccettaw u ma jaqblux ma' decizjoni finali ta' Qorti</u>;*

*iv.* *fil-konvenju konċernat, hemm is-segwenti klawżola:*

*"13. Il-Vendituri jobbligaw ruħhom illi kontestwalment mal-att ta' bejgħ jirtiraw kull azzjoni legali u/jew ġudizzjarja illi huma għandhom kontra l-Kompraturi u/jew kontra kwalunkwe kumpanija illi l-istess Komptraturi huma azzjonisti u/jew diretturi fiha."*

*v.* *fiz-zmien meta ffirmaw il-konvenju, ma kien hemm l-ebda kawzi intavolati mill-intimati kontra l-esponenti u lanqas ittri ufficjali jew pretensjonijiet. Din il-klawzola sopracitata kienet tirreferi ghal kawzi pendenti fiz-zmien li jkun ser jigi ffirmat il-kuntratt ta' bejgh kif ordnat il-Qorti tal-Appell. Fil-fatt dik il-klawżola kienet ġiet inkluża fil-konvenju fuq insistenza tal-esponenti minħabba li kienu ben konsapevoli tal-imġieba litiġjuża tal-intimati li kontinwament kienu jivvantaw pretensjonijiet bla bażi (u kemm-il darba sussegwentement iċeduhom minn rajhom kif inghad) fil-konfront tal-esponenti sempliċement sabiex ifixklu lill-istess esponenti u jippruvaw jiehdu dak kollu li jistgħu minnhom. Effettivament, dan il-konvenju kien parti minn ftehim globali milħuq bejn il-partijiet f'dik l-istess gurnata intiż sabiex jitransiġi l-pendenzi kollha ta' bejniethom u jinfatmu minn xulxin darba ghal dejjem;*

*vi.* *infatti, kien biss wara li gie ffirmat il-konvenju (u t-transazzjoni globali) li l-intimati intavolaw proceduri gudizzjarji kontra l-esponenti, fosthom:*

- *Rikors Nru 842/2015 ISB fl-ismijiet 'Emanuel sive Noel Bileci vs Anthony Bileci pro et noe' quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc) ai termini tal-artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpanniji, li qed jistenna l-ezitu tal-kawza 274/2016 TA;*

- *Rikors Guramentat Nru 274/2016 TA fl-ismijiet 'Emanuel sive Noel Bileci et vs Anthony Bileci et' quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, li sa mill-2016 ghadha fl-istadju tal-provi tal-atturi, li ilhom itawwlu ghall-dawn is-snin kollha b'xhieda li ma tispicca qatt u li tirrepeti ruhha; u*

- *Rikors Guramentat Nru 379/2018 AF fl-ismijiet 'Emanuel sive Noel Bileci et vs Anthony Bileci et' quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili li wkoll tinsab fl-istadju tal-provi tal-atturi;*

vii. *fid-19 ta' Settembru 2016 il-konvenuti wkoll talbu u ottjenew il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra l-esponenti ghall-ammont ta' ftit aktar minn sitt mitt elf ewro (€600,000) [mandat nru 1345/2016], u dan wara li suppost il-vertenzi ta' bejniethom kienu gew transatti, liema mandat huwa bbazat fuq pretensjonijiet fiergha, vessatorji, bla ebda bazi u totalment ivvintati biss sabiex jippruvaw jiehdu vantagg mill-atturi;*

viii. *ai termini tad-deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, il-kuntratt ta' bejgħ kellu u għandu jiġi ippubblikat bil-kondizzjonijiet li jissemmew fil-konvenju. Dan ifisser li l-intimati kellhom u għandhom iċedu l-kawżi li għandhom pendenti fil-konfront tal-esponenti, inkluz il-mandat ta' sekwestru msemmi, sabiex jottemporaw ruħhom mal-kundizzjoni numru 13 tal-konvenju u mal-ordni tal-Qorti. Izda, minkejja li issa għadda hafna zmien mid-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, l-intimati għadhom sa llum ma ċedewx il-kawżi sopraċitati u lanqas ma rtiraw il-mandat ta' sekwestru, liema ċessjonijiet huma meħtieġa sabiex ikun jista' jiġi ppublikat il-kuntratt skont kif ordnat din l-Onorabbli Qorti tal-Appell;*

ix. *in vista ta' tali agir da parti tal-konvenuti, l-atturi kienu pprocedew sabiex jenforzaw u jezegwixxu l-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Appell, ossija sabiex jigu ceduti l-proceduri gudizzjarji kollha intavolati mill-intimati kontra l-esponenti, u l-konvenuti kull ma ghamlu huwa li b'affront lejn l-awtorita' tal-Qorti regghu ippruvaw jidhlu fil-mertu tal-fatti tal-kaz li dwarhom l-Onorabbli Qorti tal-Appell gja esprimiet ruhha b'mod car u tat id-decizjoni finali taghha;*

x. *permezz ta' digriet moghti fis-16 ta' Dicembru 2020 (kopja annessa* ***Dok. E****), wara direzzjoni mill-Qorti tal-Appell stess f'digriet datat 13 ta' Ottubru 2020 (kopja annessa* ***Dok. F****), il-Prim' Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talbiet tal-esponenti u sabiex tigi ezegwita finalment id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tat-13 ta' Lulju 2020 ordnat lill-intimati Emanuel u martu Josephine konjugi Bileci icedu l-azzjonijiet legali u gudizzjarji kollha li ghandhom fil-konfront tar-rikorrenti u allura nkluzi l-kawzi kollha u l-mandat ta' sekwestru msemmi;*

xi. *minkejja dan u b'rezistenza u affront kontra l-ordnijiet kontinwi tal-Qrati fil-konfront taghhom, il-konvenuti xorta wahda ma baxxewx rashom ghal tali ordnijiet u ma obdewx l-istess ordnijiet, u minflok ghazlu li jinterponu appell frivolu bla ebda bazi mid-digriet tas-16 ta' Dicembru 2020, liema appell ghadu mhux appuntat;*

xii. *ghalkemm ghad irid jigi appuntat u trattat quddiem il-Qorti tal-Appell, dan l-appell huwa manifestament irritu u null ghaliex ma jezisti l-ebda appell minn digriet bhal dak, anke ghaliex kienet il-Qorti tal-Appell stess fid-digriet taghha tat-13 ta' Ottubru 2020 li bagħtet it-talba tal-atturi quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili sabiex tigi deciza u degretata finalment minnha;*

f. *Nelfrattemp allura, b'konsegwenza diretta tal-agir kapriccuz u abbuziv tal-konvenuti, apparti mill-fatt li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-13 ta' Lulju 2020 ghadha sa llum mhux ezegwita (li pero' mhux il-mertu tal-*

*kawza odjerna), il-proceduri kollha legali u gudizzjarji, inkluz il-mandat ta' sekwestru nru 1345/2016, ghadhom ma gewx ceduti u rtirati mill-konvenuta minkejja u kontra kull ordni tal-Qrati f'dan is-sens fil-konfront taghhom;*

g. *L-azzjonijiet u l-imgieba tal-konvenuti kif deskritti f'dan ir-rikors ġuramentat u kif ser jiġu pprovati matul dawn il-proċeduri qed jikkawżaw danni attwali u konsiderevoli, inkluz billi l-atturi ma jistghux jonoraw il-konvenju msemmi tal-25 ta' Mejju 2021 bil-konsegwenzi kollha li dan qieghed u ser ikompli jgib mieghu.*

3. Għaldaqstant, ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex:

i. *Tiddikjara li l-konvenuti, bl-aġir u bl-imġieba tagħhom fil-konfront tal-atturi, inkluż bl-abbuż ta' proċeduri legali u ġudizzjarji u r-reżistenza tagħhom sabiex jaderixxu mal-ordnijiet maħruġa fil-konfront tagħhom mill-Onorabbli Qorti, ikkawżaw danni lill-atturi u li l-konvenuti huma konsegwentement responsabbli li jikkumpensaw lill-atturi tal-imsemmija danni;*

ii. *Tillikwida l-imsemmija danni sofferti mill-atturi, jekk ikun il-każ anke bil-ħatra ta' esperti nominandi;*

iii. *Tikkundanna lill-konvenuti biexi ħallsu lill-atturi kwalunkwe ammont hekk likwidat f'danni.*

*Bl-ispejjeż u imgħaxijiet konra l-konvenuti.*

4. Permezz ta' "Assenjazzjoni ta' Kawża wara Astensjoni jew Rikuża" ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, mogħtija mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti nhar is-sitta (6) ta' Diċembru 2021, din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti;

5. Permezz ta' digriet mogħti nhar l-għaxra (10) ta' Diċembru 2021, il-Qorti appuntat il-każ għas-seduta ta' nhar il-Ġimgħa, tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar 2022, b'ordni għan-notifika tar-rikors ġuramentat lill-intimati, illi ngħataw għoxrin (20) jum sabiex jirrispondu skont il-liġi, u sabiex ir-rikorrenti jippreżentaw ukoll nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tagħhom in sostenn tat-talba tagħhom;

6. Permezz ta' risposta ġuramentata datata tlieta (3) ta' Jannar 2022, **Emanuel sive Noel Bileci et** eċċepew:

    a. *Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u huma biss intizi li jintimidaw lill-eccipjenti milli jkomplu bil-proceduri li huma nizjaw kontra l-atturi ghar-ragunijiet hemm indikati fl-imsemmija kawzi u proceduri legali;*

    b. *Illi kontestwalment mal-prezenti kawza r-rikorrenti ntavolaw Mandat ta' Sekwestru ghas-somma ta' mitejn u hamsin elf ewro (€250,000), u ghalhekk kellha tigi intavolata l-kawza odjerna sabiex zzomm is-sekwestru fis-sehh, liema sekwestru huwa biss intiz li jintimida lill-eccipjenti kif inghad;*

    c. *Illi l-proceduri li ghalihom jirreferi r-rikors guramentat huma proceduri li ghadhom subjudice u ghalhekk huwa inkoncepibbli li l-atturi jippretendu li ghandhom jkunu likwidati allegat danni meta dawn il-proceduri ghadhom mhux mitmuma, tant illi ghad hemm appell pendent quddiem l-Qorti tal-Appell, sallum mhux appuntat;*

    d. *Illi l-eccipjenti intavolaw il-proceduri minnhom istitwiti li ghadhom pendenti, u li ghalihom saret referenza fil-rikors promotur, propju minhabba li Anthony Bileci agixxi b'qerq u frodi qabel u waqt l-esekuzzjoni ta' kuntratt li ghamel mal-eccipjenti u ghad-detriment tal-eccipjenti, u kif minhabba li abbuza minn prokura li nghatat lilu mill-*

*eccipjenti u dana ukoll ghad-detriment tal-istess eccipjenti, kif ser jkun dettaljatament pruvat fil-mora u t-trattazzjoni tal-kawza;*

e. *Illi fuq dan il-mertu, apparti l-proceduri civili surreferiti u li ghalihom jaghmel accenn ir-rikors promotur, saret ukoll kwerela kriminali mal-Kummissarju tal-Pulizija, u bhalissa hemm ghaddejja wkoll inkjesta magisterjali quddiem il-Magistrat Dr. Josette Demicoli, fuq l-allegat frodi, qerq, dikjarazzjonijiet foloz f'kuntratti u hasil ta' flus, li jikkoncernaw ukoll b'mod dirett l-ilmenti tal-eccipjenti fil-kawzi minnhom istitwiti;*

f. *Illi r-rikorrenti tant huma preokkupati minn dawn il-proceduri nkluzi dawk civili, li qed jaghmlu minn kollox sabiex jintimidaw lill-eccipjenti u jikkonstriguhom jcedu l-kawzi minnhom istitwiti, u barra minn dan jittentaw jaghtu l-impressjoni li huma qed jfittxu ghad-danni meta fil-fatt ma sofrew ebda danni. Dina l-kawza ma hija xejn hlief messanxena sabiex jittentaw jizvijaw l-attenzjoni minn fuqhom;*

g. *Illi b'referenza ghall-allegazzjoni kontenuta fil-premessi kollha tar-rikors promotur b' mod generali w partikolarment fil-paragrafu 5(iii), u cioe li l-kawza numru 338/2014 hija res judicata, l-eccipjenti jaghmlu referenza ghar-rikors tal-appell taghhom minn digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (Dok E anness mar-rikors promotur), fejn l-eccipjenti qeghdin jargumentaw illi l-Prim Awla tal-Qorti Civili (per Onor. Imhallef Anna Felice) permezz tad-digriet taghha surreferit interpretat hazin id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fejn ghamlet referenza ghall-kundizzjonijiet imsemmija fil-konvenju, u filwaqt illi stqarru li huma disposti li jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt mertu tal-kawza u talbu lill-atturi sabiex ikun iffissat il-hin u l-lok ghal dan l-iskop, ma qablux pero li jcedu l-kawzi minnhom istitwiti bin-numru 379/2018 AF, 274/2016TA u 842/2015 ISB u dana ghaliex ic-cirkostanzi li ghalihom dawn il-kawzi jirreferu fosthom il-frodi, l-ingann w il-qerq, saru maghrufa wara li nghalaq il-konvenju u*

*sar ftehim iehor finali li llum qed jigi kkontestat abazi tal-principju 'fraus omnia corrumpit ';*

h. *Illi dawn il-kawzi li hemm pendenti llum, mhux qed jikkontestaw il-pubblikazzjoni tal-Kuntratt finali kif ordnat mill-Qorti tal-Appell, imma qed jikkontestaw il-validita ta' skrittura privata ohra dwar ix-xoljiment ta' shubija f' negozju u kumpaniji li jappartjenu lill-kontendenti, nkluzi ukoll transazzjnijiet ohra li saru nkonnessjoni ma' progetti f' San Pawl il-Bahar, u dana abazi ta' qerq, ingann u frodi da parti tar-rikorrenti u ghad-detriment tal-eccipjenti, u li sar maghruf circa sentejn wara li sar il-ftehim, u dana kif ser jkun pruvat dettaljatament fil-mora u trattazzjoni tal-kawza.*

i. *Illi ghalhekk dina l-kawza odjerna hija ukoll tentattiv iehor iddisprat sabiex jgieghel lill-eccipjenti jcedu diversi kawzi li gew istitwiti legalment u mhux abbusivament kif allegat, dana zmien wara li gie konkluz il-konvenju u skrittura ohra dwar l-assenjazzjoni tal-ishma ta' diversi kumpaniji, u wara li nhasset li htiega wara li gie skopert frodi u dikjarazzjonijiet foloz da parti tar-rikorrenti Anthony Bileci u martu kif fuq nghad.*

**Il-Qorti**

7. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti datat erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru 2021, u d-dokumenti annessi miegħu, cioe (a) kopja ta' konvenju datat ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju 2021 (**Dok A** a fol 10 *et seq* tal-proċess); (b) kopja ta' dokumenti li juru l-applikazzjoni għal żvilupp sottomessa mal-Awtorita' tal-Ippjanar mill-atturi (**Dok B** a fol 14 *et seq* tal-proċess); (c) kopja ta' sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-erbgħa (4) ta' Marzu 2014 (kawża numru 338/2014 AF) (**Dok C** a fol 18 *et seq* tal-proċess); (d) kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-tlettax (13) ta' Lulju 2020 (kawża numru 338/2014) (**Dok D** a fol 23 *et seq*

tal-proċess); (e) kopja ta' digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sittax (16) ta' Diċembru 2020 (**Dok E** a fol 29 *et seq* tal-proċess); (f) kopja ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell fit-tlettax (13) ta' Ottubru 2020 (**Dok F** a fol 34 tal-proċess);

8. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti datata tlieta (3) ta' Jannar 2022;

9. Rat l-affidavit tar-rikorrent **Anthony Bileci** (**Dok AB1** a fol 50-52 tal-proċess);

10. Rat l-istima preparata u maħlufa mill-Perit Joseph Bondin, esebita mir-rikorrenti (**Dok AB2** a fol 52 *et seq* tal-proċess);

11. Rat il-kopja tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1345/2016 maħruġ minn din il-Qorti kif diversement presjeduta kontra r-rikorrenti fuq talba tal-intimati, esebit mir-rikorrenti bħala **Dok AB3** a fol 58 *et seq* tal-proċess;

12. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Anthony Bileci**, prodott mill-konvenuti in kontro-eżami, waqt is-seduta tal-ħamsa (5) ta' Lulju 2022[1];

13. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament ta' **Anthony Bileci**, prodott mill-konvenuti in kontro-eżami, waqt is-seduta tal-erbatax (14) t'Ottubru 2022[2];

14. Rat l-affidavit tal-intimat **Noel Bileci**, a fol 88 *et seq* tal-proċess;

15. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament ta' **Anthony Bileci**, prodott mill-konvenuti in kontro-eżami, waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru 2022[3];

16. Rat id-dokumenti esebiti mill-konvenuti permezz ta' nota waqt is-seduta tal-għoxrin (20) ta' Jannar 2023, a fol 106 *et seq* tal-proċess;

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 62 *et seq* tal-proċess
[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 71 *et seq* tal-proċess
[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 95 *et seq* tal-proċess

17. Rat in-nota tal-konvenut Emanuel sive Noel Bileci illi permezz tagħha esebixxa kopja oħra tal-affidavit tiegħu immarkat **Dok EB1** a fol 181 *et seq* tal-proċess (identiku għal dak esebit a fol 88 *et seq* tal-proċess), u affidavit ulterjuri tiegħu immarkat **Dok EB2** a fol 187-188 tal-proċess;

18. Semgħet ix-xhieda tas-**Supretendent Anne Marie Xuereb** prodotta mill-konvenuti waqt is-seduta tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar 2023[4];

19. Rat id-digriet tagħha stess, datat sittax (16) ta' Marzu 2023, illi permezz tiegħu ċaħdet it-talba tal-konvenuti magħmula b'rikors datat tlettax (13) ta' Frar 2023 sabiex huma jressqu xhieda illi ma kinux ġew indikati fil-lista ta' xhieda fir-risposta ġuramentata tagħhom;

20. Rat in-nota tal-konvenuti datata tletin (30) ta' Marzu 2023, illi permezz tagħha l-konvenuti ppreżentaw disa' dokumenti, fosthom affidavit ulterjuri tal-konvenut **Emanuel sive Noel Bileci**, a fol 204 *et seq* tal-proċess. L-affidavit ulterjuri ġie mmarkat **Dok 9**, a fol 256 tal-proċess;

21. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament ta' **Anthony Bileci**, prodott mill-konvenuti in kontro-eżami, waqt is-seduta tal-erbatax (14) t'Ottubru 2022[5];

22. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Emanuel sive Noel Bileci**, prodott mill-atturi in kontro-eżami, waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Mejju 2023[6];

23. Semgħet it-trattazzjoni tal-każ odjern mill-partijiet waqt is-seduta tal-erbgħa (4) ta' Lulju 2023[7];

24. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

25. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

---

[4] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 194 *et seq* tal-proċess
[5] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 71 *et seq* tal-proċess
[6] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 258 *et seq* tal-proċess
[7] It-traskrizzjoni tat-trattazzjoni finali tinsab a fol 267 *et seq* tal-proċess

**Konsiderazzjonijiet Legali**

26. Fil-każ odjern, l-atturi qed jitolbu l-likwidazzjoni u ħlas ta' danni allegatament arrekati lilhom per kawża ta' abbuż ta' proċeduri legali u ġudizzjarji da parti tal-intimati, u l-allegat nuqqas tal-intimati sabiex jaderixxu mal-ordnijiet maħruġa fil-konfront tagħhom mill-Qorti. Madanakollu, qabel wieħed jasal għall-mertu tal-każ odjern, din il-Qorti hija tal-fehma illi jkun għaqli illi tiġi rikapitulata r-retroxena illi wasslet lill-partijiet għall-proċeduri odjerni;

27. Jirriżulta mill-atti illi l-partijiet f'din il-kawża għandhom storja ta' diżgwidi bejniethom illi tmur lura għal Novembru 2013, meta, permezz ta' konvenju illi huwa estraneu għall-mertu tal-kawża odjerna, il-konvenuti obbligaw ruħhom illi jixtru mingħand l-atturi xi ishma minn ħames immobbli, u fost il-kundizzjonijiet elenkati fil-konvenju, kien hemm is-segwenti kundizzjoni: *"(13) Il-Vendituri jobbligaw ruħhom illi kontestwalment mal-att ta' bjegħ jirtiraw kull azzjoni legali u/jew ġjudizzjarja illi huma għandhom kontra l-Kompraturi u/jew kontra kwalunkwe kumpanija illi l-istess Kompraturi huma azzjonisti u/jew diretturi fiha."*[8] Jidher illi mhux kontestat illi sad-data illi ġie ffirmat il-konvenju, ma kien hemm l-ebda proċedura ġudizzjarja intavolata mill-intimati kontra r-rikorrenti, għajr illi ġew spediti xi ittri uffiċjali mill-konvenuti lir-rikorrenti. Dakinhar illi ġie ffirmat il-konvenju, ġiet iffirmata wkoll skrittura privata dwar ix-xoljiment ta' sħubija f'negozju u kumpaniji li jappartjenu lill-kontendenti;

28. Għall-ħabta tas-sena 2014, u cioe qabel kellu ċans jiġi ffirmat il-kuntratt finali, qamu xi kwestjonijiet rigward il-proprjeta' illi kellha tiġi trasferita, u l-intimati insistew illi jissolvew dawn il-kwestjonijiet qabel jiġi ffirmat il-kuntratt. Sussegwentement, qabel skada l-konvenju, l-atturi fetħu kawża kontra l-intimati (Rik Nru 338/2014) illi fiha talbuhom sabiex jersqu għall-

[8] Vide **Dok VB5** a fol 122 *et seq* tal-proċess

kuntratt finali. Minn dan il-punt ‘il quddiem, qamu d-diverġenzi bejn il-partijiet;

29. Fuq naħa waħda, il-konvenuti jsostnu illi l-atturi kienu qalulhom illi ser iwaqqgħu l-kawża għall-enforzar tal-konvenju minnhom intavolata, u għalhekk il-konvenuti ma daħħlux risposta fit-terminu mogħti lilhom għal dan il-għan. Madanakollu, il-kawża tkompliet u l-konvenuti ġew dikjarati kontumaċi. Il-kawża nqatgħet favur l-atturi permezz ta’ sentenza illi ngħatat minn din il-Qorti kif diversement presjeduta nhar l-erbgħa (4) ta’ Marzu 2015[9];

30. Wara illi ġie deċiż ir-Rikors Nru 338/2014, il-konvenuti appellaw mis-sentenza tal-Ewwel Qorti, u intavolaw is-segwenti proċeduri ġudizzjarji:

- Rik Ġur Nru 842/2015 ISB, ċeduta fil-mori tal-proċeduri odjerni;

- Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju Nru 1345/2016 (**Dok VB1** a fol 108 *et seq* tal-proċess), eventwalment irtirat parzjalment permezz tal-kontro-mandat numru 1380/2016 (**Dok VB2** a fol 114 *et seq* tal-proċess) fir-rigward ta’ kont bankarju mal-HSBC Bank Malta plc, irtirat parzjalment permezz tal-kontro-mandat numru 1403/2018 (**Dok VB3** a fol 118 *et seq* tal-proċess) fir-rigward ta’ kont bankarju mal-APS Bank, u iritrat b’mod finali mingħajr preġudizzju għall-azzjonijiet oħra legali pendenti permezz tal-kontro-mandat numru 1522/2022 (**Dok VB4** a fol 120 *et seq* tal-proċess);

- Rik Ġur Nru 274/2016 TA (**Dok VB7** a fol 131 *et seq* tal-proċess), sabiex jiġi dikjarat illi l-kunsens tal-intimati fuq l-iskrittura tal-1 ta’ Novembru 2013 kien kolpit b’qerq, ingann u dikjarazzjonijiet qarrieqa da parti tal-atturi jew min minnhom, ċeduta fil-mori tal-proċeduri odjerni;

[9] Vide **Dok C** anness mar-rikors promotur, a fol 18 *et seq* tal-proċess

- Rik Ġur Nru 379/2018 AF (**Dok VB6** a fol 126 *et seq* tal-proċess), rigward allegat użu ħażin u b'mod frawdulenti mill-atturi ta' prokuri mogħtija lilhom mill-intimati, ċeduta fil-mori tal-proċeduri odjerni;[10]

31. Permezz ta' sentenza datata tlettax (13) ta' Lulju 2020[11], il-Qorti tal-Appell ċaħdet l-appell tal-intimati mis-sentenza għar-Rikors Nru 338/2014. Ir-raġunijiet mogħtija mill-Qorti tal-Appell kienu, *inter alia,* illi l-intimati ma kienu ressqu l-ebda prova illi ġġustifikaw il-kontumaċja tagħhom fl-ewwel stadju tal-proċeduri, u li ma kienx hemm prova illi l-atturi ma kellhomx *bona fidi* jew li ma ridux josservaw xi kundizzjoni fil-konvenju;

32. Ir-rikorrenti talbu l-ħruġ ta' mandat *in procinctu* kontra l-intimati (Mandat Nru 12889/2020 MB, **Dok VB8** a fol 135 *et seq* tal-proċess), sabiex permezz tiegħu, ir-Reġistratur jingħata kwalunkwe ordni neċessarja għall-enforzar tal-klawsola 13 tal-konvenju u l-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-tlettax (13) ta' Lulju 2020. Madanakollu, din it-talba ġiet miċħuda minn din il-Qorti kif diversement presjeduta permezz ta' digriet tat-tmienja (8) t'Ottubru 2020 (**Dok VB10** a fol 145 tal-proċess), peress illi t-talba ma ġietx meqjusa ġustifikata;

33. Permezz ta' digriet mogħti minn din il-Qorti kif diversement presjeduta nhar is-sittax (16) ta' Diċembru 2020[12], wara rikors tal-atturi sabiex tiġi enforzata s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell, l-Ewwel Qorti qalet illi minkejja illi l-proċeduri ġudizzjarji suriferiti ma kinux għadhom ġew intavolati dakinhar illi ġie ffirmat il-konvenju, huma kellhom xorta waħda jirtirawhom sabiex jonoraw il-kundizzjoni fil-klawsola numru tlettax (13) tal-konvenju, u konsegwentement jersqu għall-att finali. Dan b'mod partikolari tenut kont illi t-tliet kawżi kienu ġia ġew intavolati meta nstema' l-Appell. Għaldaqstant intlaqgħet it-talba tar-rikorrenti sabiex l-intimati jiġu ordnati jċedu l-azzjonijiet legali u ġudizzjarji kollha suriferiti;

---

[10] L-attur **Anthony Bileci** jikkonferma illi dawn l-azzjonijiet ġew kollha ċeduti fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Novembru 2022, a fol 95 *et seq* tal-proċess
[11] Vide **Dok D** anness mar-rikors promotur, a fol 23 *et seq* tal-proċess
[12] Vide **Dok E** anness mar-rikors promotur, a fol 29 *et seq* tal-proċess

34. L-intimati appellaw minn din id-deċiżjoni, iżda l-Qorti tal-Appell (Superjuri), permezz ta' sentenza datata sitta u għoxrin (26) t'Ottubru 2022 (**Dok VB15** a fol 163 *et seq* tal-proċess), iddikjarat illi peress illi d-digriet illi kien sar l-appell minnu la kien sentenza u lanqas digriet interlokutorju, il-proċedura sabiex jiġi impunjat ma kellhiex tkun dik t'appell, u għalhekk irrifjutat it-talba tal-intimat, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju ieħor li seta' kellhom l-intimati;

35. B'hekk wieħed jasal għall-proċeduri odjerni, illi jirrigwardaw konvenju ieħor illi l-atturi ffirmaw fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju 2021, illi permezz tiegħu l-atturi aċċettaw u wiegħdu illi ser jixtru u jakkwistaw proprjeta' mingħand terzi, liema proprjeta' l-atturi jsostnu illi huma kellhom l-intiż illi jiżviluppawha ai fini ta' investiment. Infatti, pproċedew bl-applikazzjoni neċessarja għal żvilupp mal-Awtorita' tal-Ippjanar. Madanakollu, l-atturi jsostnu illi huma ma setgħux jonoraw il-konvenju msemmi, bil-konsegwenza illi tilfu l-investiment li għamlu kif ukoll id-dħul u profitti relattivi, apparti spejjeż li għamlu, u dan allegatament minħabba l-proċeduri legali intavolati mill-konvenuti kontra l-atturi;

36. Jirriżulta mill-atti illi l-proprjeta' oġġett tal-konvenju tal-ħamsa (5) t'Awwissu 2022, ġiet sussegwentement akkwistata minn parentela tal-atturi, u cioe minn ibnu u neputijiet tiegħu (**Dok VB17** a tol 169 *et seq* tal-proċess), wara illi Anthony Bileci ċeda l-interessi tiegħu fil-konvenju a favur tagħhom. Infatti, ir-rikorrent **Anthony Bileci** jikkonferma bil-ġurament tiegħu in kontro-eżami illi, d-depożitu fuq il-konvenju fl-ammont ta' €79,500, *"Miċ-cheque book tal-kumpanija, għax kelli x-shareholders loan"*, iżda konsegwentement *"Kelli nċedih lil terzi għax ma kellix fondi biex inkompli inħallas il-kumplament."*, wara illi, *"Meta jien kont qed nitkellem mal-familja biex forsi nirrejżja l-flus, il-familja qaltli fil-każ, mhux tiegħi, il-familja tiegħi n-neputijiet, it-tfal ta' ħuti jiġifieri, meta jiena għedtilhom bil-każ, għedtilhom ħa nitlef jiġifieri din ħa tiftaħli kawża u dawn l-affarijiet, qaluli mela Zi, aħna nżommuhom aħna."*[13];

[13] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Novembru 2022, a fol 97 tal-proċess

37. L-**Artikolu 1030** tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi, *"Kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu",* filwaqt illi l-**Artikolu 1031** tal-Kap 16 ikompli billi jgħid, *"Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu."*;

38. Ġurisprudenza kopjuża tfakkar dak illi ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Antonio Borg noe et vs Guido Abela et***[14], u cioe illi:

> *[F]'kawża għad-danni hemm żewġ stadji - "an et quantum": cjoe' d-dikjarazzjoni ta' responsabilita', u, f'każ ta' affermazzjoni ta' dik ir-responsabilita', l-aċċertament ta' l-eżistenza u tal-miżura tad-danni."*

39. Ġie wkoll affermat fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Kevin Mifsud vs Sparkasse Bank Malta plc et***[15] illi:

> *[H]uwa prinċipju kwalifikat fil-liġi illi "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu" (Artikolu 1031, Kodiċi Ċivili). Din in-norma tikkostitwixxi l-punt kardinali tar-responsabilita' extra-kontrattwali u tenunċja r-regola li l-awtur tal-leżjoni għandu jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi negattivi patrimonjali subiti mit-terz. Din ir-responsabilita' għandha bħala fonti tagħha l-imġieba imputabbli, li tista' tkun doluża jew kolpuża. Imġieba din li għandha jkollha neċessarjament ness ta' kawżalita' ma' l-event dannuż;*

40. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri), fis-sentenza fl-ismijiet ***GO plc vs Schembri Infrastructures Limited et***[16], fakkret ukoll dak illi kien ġie stabbilit fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Martin Paul Vella et vs Chris Micallef***[17]:

---

[14] Appell Kummerċjali, 14 ta' Mejju 1954 (Vol XXXVIII.II.i, p 300). Ara wkoll, *inter alia*, Ċit Nru 3327/1996/1, ***Joseph Dalli et vs Mediterranean Film Studios Limited***, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ P Sciberras, 23 t'April 2010 (in ġudikat, peress illi l-Appell intavolat minnha ġie ċedut); Appell Ċiv Nru 166/2004/1, ***Citadel Insurance plc et vs Jonathan Borg***, Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ P Sciberras, 29 ta' Mejju 2009

[15] Appell Ċiv Nru 637/2003/1, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Onor Imħ P Sciberras, 9 ta' Frar 2005

[16] Rik Nru 420/11/1 SM, Qorti tal-Appell (Superjuri), 5 t'Ottubru 2023

[17] Appell Ċiv Nru 653/2008/1, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Onor Imħ P Sciberras, 6 t'Ottubru 2010

*F'materja ta' danni hu ben assodat illi l-kundanna dwarhom tippresupponi ħtija f'min ikun ġabhom fis-seħħ. Ħtija din li trid per forza tirriżulta minn xi att jew trasgressjoni tad-dover u mankanza tad-debita diliġenza, għal liema jirreferu l-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili. Bir-raġun, kif rilevat fis-sentenza fl-ismijiet "***George Thomas Davison -vs- Joseph Azzopardi nomine***", Appell Kummerċjali, 2 ta' Marzu 1962, "mill-analisi ta' l-istess disposizzjonijet tal-liġi jirriżulta illi għall-applikazzjoni tagħhom għandhom jikkonkorru tliet elementi li huma (1) il-fatt dannuż illeċitu, (2) l-imputabilita' ta' l-istess fatt għal min ikun għamlu, u (3) id-dannu kaġonat minn dak l-istess fatt. Dawn it-tliet elementi għandhom bilfors jikkonkorru f'delitt ċivili, jew fi kważi-delitt li jobbligaw l-awtur tagħhom għar-riżarċiemnt tad-dannu kaġonat mhux biss lill-vittma ta' l-att illeċitu, imma anke lil kull min indirettament jirriżenti d-danni; [...]*

*[...]*

*Hi dottrina elementari sew magħrufa illi "per dare lugo a repsonsabilita' è necessario che esiste un rapporto di causa ad effetto tra il fatto illecito e il danno" (ara* **Fadda, "Giurisprudenza sul Codice Civile"***, Vol V p 721). Dan il-prinċipju sab rispons favorevoli f'diversi deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna, kif tixhed is-sentenza fl-ismijiet* ***"Giovanni Sare' -vs- Carmelo Farrugia et"****, Appell Kummerċjali, 6 ta' Frar 1928. Fi kliem ieħor, "hu imprexxindibilment rikjest sabiex ikun hemm lok għad-danni li jkun hemm ness ta' kawżalita' bejn il-fatt kolpevoli u l-event dannuż" ("***John Debono et -vs- Negte. Joseph Muscat proprio et nomine***", Appell Kummerċjali, 26 ta' Frar 1960. Ara wkoll "***Paul Debono***

***-vs- Malta Drydocks****", Prim'Awla, Qorti Ċivili, 27 ta' April, 2005);*

41. Din il-Qorti tiddikjara illi mhix konvinta illi t-talbiet rikorrenti għandhom jintlaqgħu, u dan għas-segwenti raġunijiet:

42. Fl-ewwel lok, ikkunsidrata ġurisprudenza suriferita, ir-rikorrenti kellhom iġibu prova ċara ta' fatt dannuż imputabbli għall-konvenuti. Fil-fehma ta' din il-Qorti, <u>dan ma għamluhx</u>. **Ir-rikorrenti ma ġabu l-ebda prova illi l-kawżi nfetħu mill-konvenuti kapriċċjożament, jew bl-intiż illi jarrekaw dannu lill-atturi**. Huma jsostnu illi l-konvenuti intavolaw numru ta' kawżi u mandat ta' sekwestru kawtelatorju wara illi l-Ewwel Qorti ddikjarat illi l-konvenuti kellhom jersqu għall-kuntratt finali wara l-konvenju ta' Novembru 2013 sempliċiment sabiex ixekklu lir-rikorrent milli jagħmel investimenti f'ismu personali; madanakollu, din il-Qorti tqis illi l-konvenuti kellhom kull dritt jaderixxu ruħhom għall-Qorti sabiex jiġu indirizzati d-dubbji u l-pretensjonijiet tagħhom qabel jersqu għall-kuntratt finali. Din il-Qorti lanqas tista' tinjora dak illi jsostni l-konvenut **Emanuel Bileci** fl-affidavit tiegħu, u cioe illi, *"[l]ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-kawżi bin-numri 842/215 JZM, 274/2016 JZM u 379/2018 AF imsemmija f'dina l-kawża huma ċirkostanzi li ma kienux magħrufa dak in-nhar li kien ġie ffirmat il-konvenju nkwistjoni u anqas sa dak in-nhar li ngħatat is-sentenza fl-4 ta' Marzu 2015"*[18]. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi, bl-aġir tagħhom, il-konvenuti sempliċiment għamlu użu ta' jedd tagħhom fil-qies li jmiss, u għaldaqstant, fit-termini tal-Artikolu 1030 tal-Kap 16, m'għandhomx iwieġbu għal kwalunkwe ħsara li setgħet kienet konsegwenzjali għall-istess użu;

43. Fit-tieni lok, mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rikorrenti kellhom iġibu wkoll prova ta' dannu kaġunat lir-rikorrenti. Din il-Qorti <u>mhix konvinta</u> illi r-rikorrenti sofrew xi dannu per kawża tal-aġir tal-konvenuti. L-ewwelnett, kienu r-rikorrenti stess illi ffirmaw konvenju ma' terzi u daħlu għal spejjeż ta' applikazzjoni għal permess ta' żvilupp meta kienu ben konxji illi huma

[18] Vide l-affidavit tal-konvenut Emanuel Bileci, a fol 91 tal-proċess

kellhom numru ta' kawżi u mandat ta' sekwestru kawtelatorju pendenti kontrihom. It-tieni nett, l-attur jikkonferma illi huwa ħalla depożitu ta' €79,500 fuq dan il-konvenju, liema flus huwa jsostni illi ġew finanzjati tramite *shareholders' loan* ma' waħda mill-kumpaniji tiegħu. Jikkonferma wkoll l-attur **Anthony Bileci** in kontro-eżami illi bil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju intavolat mill-konvenuti nqabdu, *"Kull ma kelli flus il-bank, għax jiena l-flus tiegħi apparti nżommhom ġol-kumpanija, iġifieri jien għandi nieħu ħafna flus mill-kumpanija."*[19] Mhux kontestat illi, hekk kif isostni l-konvenut **Emanuel Bileci** fl-affidavit tiegħu, *"kull ma ġie sekwestrat kienet is-somma ta' anqas minn €1,000, u dana għax irċevejt ċedola ta' depożitu"*[20]. Meta tqis dawn il-provi fl-assjem tagħhom, din il-Qorti ma tasalx tikkonkludi illi ġie arrekat lir-rikorrenti dannu per kawża tal-proċeduri legali intavolati fil-konfront tagħhom mill-konvenuti. Jidher illi l-mandat ta' sekwestru u l-kawżi pendenti ma żammewx lir-rikorrenti milli jidħlu f'konvenju ieħor ma' terzi, u lanqas milli jħallsu depożitu ta' €79,500 fuq l-istess. Dan nonostante l-fatt illi, fil-kontijiet personali tagħhom, ir-rikorrenti kellhom inqas minn €1,000, u jsostnu illi l-banek lokali ma kinux lesti illi jiffinanzjaw investimenti tagħhom. In oltre, imbagħad, jibqa' wkoll il-fatt illi r-rikorrenti ċedew id-drittijiet tagħhom fuq il-konvenju ma' terzi lil ħadd ħlief binhom u neputijiet tagħhom, b'dana illi jqum dubju serju dwar min effettivament akkwista l-proprjeta' in kwestjoni;

44. Din il-Qorti hija għalhekk tal-fehma illi mill-istat tal-provi miġjuba quddiemha, ma jistax jiġi desunt illi l-intavolar ta' kawżi mill-intimati ġab fis-seħħ id-danni allegati mill-atturi. Se mai, kien l-aġir tal-atturi stess illi wassalhom sabiex isofru telf, meta minkejja l-proċeduri illi kien hemm pendenti kontrihom, xorta waħda għażlu illi jidħlu f'konvenju ma' terzi, bl-ispejjeż kollha illi din l-għażla ġabet magħha. Għaldaqstant, din il-Qorti tikkonkludi billi tiddikjara illi hija m'għandhiex iċ-ċertezza morali illi l-konvenuti għandhom jiġu dikjarati responsabbli għal dak illi għaddew minnu l-atturi mis-sena 2013 'il quddiem;

[19] Vide xhieda ta' Anthony Bileci in kontro-eżami waqt is-seduta tal-14 t'Ottubru 2022, a fol 74 tal-proċess
[20] Vide l-affidavit tal-konvenut Emanuel Bileci, a fol 92 tal-proċess

45. **Finalment, din il-Qorti tinnota illi l-kawżi illi kienu pendenti meta ġiet intavolata l-kawża odjerna ġew ċeduti fil-mori tal-kawża, b'dana illi, fi kwalunkwe każ, dak illi effettivament riedu r-rikorrenti mill-intimati ġie sodisfatt;**

46. Gialadarba l-konvenuti m'humiex qed jinstabu minn din il-Qorti responsabbli għad-danni allegati mill-atturi, din il-Qorti sejra tastjeni milli tgħaddi sabiex tillikwida danni sofferti mill-atturi.

**Decide**

47. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tiċħad</u>** l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti in kwantu mhux kompatibbli ma' din id-deċiżjoni;

(ii) **<u>Tiċħad</u>** l-ewwel talba rikorrenti; u konsegwentement

(iii) **<u>Tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet l-oħra rikorrenti;

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**